Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-każ M.9063 — Synnex/Convergys)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 325/11)

1. Fis-7 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) ([1]) Nru 139/2004.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Synnex Corporation ("Synnex", l-Istati Uniti),

— Convergys Corporation ("Convergys", l-Istati Uniti).

Synnex takkwista fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll sħiħ ta' Convergys.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' proċess ta' fużjoni f'żewġ stadji li jirriżulta fil-ħolqien ta' "Concentrix CVG Corporation", sussidjarja li hija proprjetà sħiħa ta' Synnex, li se tinkludi n-negozju ta' Convergys. Bħala riżultat tat-tranżazzjoni, Convergays mhux se tibqa' tkun korporazzjoni pubblika.

2. L-attivitajiet tan-negozju tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Synnex: l-għoti ta' servizzi bejn in-negozji li jgħinu lill-klijenti u lill-imsieħba kummerċjali jikbru u jtejbu l-istrateġiji tal-impenn tal-klijenti tagħhom;

— għal Convergys: il-forniment ta' servizzi ta' esternalizzazzjoni tal-proċess tan-negozju għall-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-klijent għal negozji tal-klijenti, inkluż permezz tal-provvista u l-operazzjoni ta' "ċentri telefoniċi".

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ta' min jinnota li dan ([2]) il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament taħt il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jissottomettu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja dejjem għandha tiġi speċifikata:

M.9063 — Synnex/Convergys

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, bil-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Fax +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir- "Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.